**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 04/21**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 24 ta' Mejju 2021 |
| **Ħin:** | 5:39pm |
| **Post:** | Online - Microsoft Teams |

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (Mis-5:58pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier (Skużat)
Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-5:52pm)
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera (Mis-5:50pm)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

**04.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**04.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**04.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**04.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**04.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**04.06** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**04.07** **Tenders;**
**04.08** **Xogħolijiet;**
**04.09** **Approvazzjoni tal-Financial Statements bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;**
**04.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**04.11** **Mozzjonijiet; u**
**04.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**04. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Baldacchino ma setax jattendi għall-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Imejl annessa. | Segretarju Eżekuttiv |

**04. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 03/21 inqraw u ġew approvati nem.con. Mingħajr korrezzjonijiet. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**04. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2 5 | 03.02.05 | Viċi-Sindku: Boroż ħodor | Il-Viċi-Sindlu qalet li dawn diġa tqassmu u wasalna sabiex inqassmu lot ieħor għall-Ġunju. | Viċi-Sindku |
| 04. 2 6 | 03.02.03 | Chircop: PA07428/20 | Chircop qal li dwar dan għadu ma ħareġ xejn u baqa' kollox kif inhu. Qal ukoll li permess fi Triq ta' Tavlin xi rifjutat u dak fi Triq il-President Anton Buttigieg ġie aċċettat. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2 | 7 | 03.05.06 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li ġew sottomessi 3 applikazzjonijiet li waqt din is-seduta ser ikunu qed jiġu miftuħa, diskussi u maqbul fuq min għandu jingħata Ġieh iż-Żejtun din is-sena. Żid ukoll li l-Konkors Letterarju għalaq u kien hemm żieda fil-kitba għat-tfal u djalett. | Chircop |
| 04. | 2 | 8 | 03.05.08 | Camilleri: Tqassim ta' figolli | Camilleri qalet li ġew imqassma l-figolli lir-residenti u carers ta' Dar Nazzareth. | Camilleri |
| 04. | 2 | 9 | 03.02.13 | Sindku: Teħid ta' filmat | Is-Sindku qalet li tkellmet ma' 360VR li ser jieħdu l-filmat u l-Arċipriet u ġie maqbul li għandu jinġibed fit-18 ta' Ġunju. | Sindku |
| 04. | 2 | 10 | 03.03.02 | Sindku: Pagament lil Notebook Centre | Is-Sindku qalet li kellna korrispondenza mid-Dipartiment fejn ġie aċċettat dan il-ftehim u kien hemm qbil unanimu li l-pagament pendenti jitħallas. | Sindku |
| 04. | 2 | 11 | 03.03.03 | Laqgħa mal-Perit De Noto | Is-Sindku qalet li waqt il-laqgħa il-perit infurmatna li ma jistawx isiru erbgħa *pelican lights* fl-istess triq. Se nibqgħu b'żewġ *pelican lights* u tnejn *belishia ligħts*. Inbiddlu l-One-Ways fit-toroq Cacciatolo u Ħaddara. Qed jiġi kkunsidrat li jsir *flooring aħmar* biex karozzi jnaqqsu l-veloċita' kif ukoll *traffic calming measures.* | Sindku |

**04 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/21. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 1 | | Sindku: Ħaddiema assenjati mal-Kunsill | Is-Sindku qalet li kien hemm diżgwid mal-ħaddiema dwar xogħol li kien qed jiġi assenjat lilhom. Ġew ukoll mid-District Operations Ltd sabiex jiċċekjaw lill-ħaddiema dwar dan. Fuq deċiżjoni tad-District Operations Ltd, is-Sur Kenneth Cutajar informa lill-Kunsill li Martin Cassar u Joseph Farrugia kienu ser jieqfu b'mod immedjat, Martin mis-17 ta' Mejju u Joseph mill-24 ta' Mejju. Frankie Spagnol ser jibqa' jagħmel it-tindif tal-ġonna u Joe Chetcuti t-tindif tal-latrini, Ġnien l-Għannejja Żwietenkif ukoll l-Arti u Artiġjanat. Ġew impjegati żewġ ġardinara kif ukoll il-quddiem hemm il-ħsieb li nimpjegaw ħaddiema sabiex jagħmlu l-manutenzjoni. Qed nippruvaw li ssir devoluzzjoni ta' biċċa art fi Triq id-Dulliegħ sabiex tintuża bħala maħżen għall-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 04 | 3 | 2 | | Sindku: Twinning | Is-Sindku qalet li avviċinaha s-Sur Pawlu Mizzi fejn wera x-xewqa li jinġiebu artisti Taljani u jsir speċi ta' twinning bi proġett bit-tema *Exchange and Migration* pjanat għas-sena 2022 bejn Lulju u Settembru. Fenech żiedet li dan anke ħadem għall-V18. Kien hemm qbil unanimu dwar dan sabiex nikkollaboraw. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 3 | | Sindku: Laqgħa mal-W.S.C. | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-W.S.C. Saru diskussjonijiet dwar bdil fil-mejnijiet fi Triq Connaught, Santa Monika, San Ġużepp, Tursin il-Bir, u Kamumilla. Dawn jinsabu fi stadju avvazat u rridu nsibu kompromess dwar il-bankini. Dawn huma proġettati li ser jibdew għall-aħħar ta' Ġunju. | Sindku |
| 04 | 3 | 4 | | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li sar l-ewwel saff ta' tarmak sa Sqaq Nru 3 kif ukoll minn Sqaq Nru 8 l'isfel. Baqa' biċċa fejn ir-residenti u rziezet fejn qed jgħaddu l-cables tat-telekomunikazzjoni u drenaġġ u baqalu madwar erbgħa xhur oħra. | Sindku |
| 04 | 3 | 5 | | Sindku: Ġnien Mikiel Anton Vassalli | Is-Sindku qalet li l-Kunsilliera u l-Ministri kif ukoll mistednin oħra ġew infurmati li l-inawgurazzjoni ser issir l-Erbgħa, 26 ta' Mejju fid-9.00am. Qed jiġi mnaddaf minn materjali u weraq biex ikun lest għall-inawgurazzjoni. | Sindku |
| 04 | 3 | 6 | | Sindku: Triq Bugħarbiel | Is-Sindku qalet li meta ġew biex isiru l-linji minn I.M. Kien hemm diżgwid peress li ma setgħux isiru fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Għalissa twaqqfu sabiex tittieħed deċizzjoni. Saret diskussjoni sabiex ċertu toroq isiru one-way minħabba żieda fl-ammont ta' vetturi. Is-Sindku qalet li għandu jsir pjan ħolistiku. Kien hemm qbil li jitqabbad persuna kompetenti fuq it-traffiku u jfassal pjan dwar dan kollu. | Sindku / Segretarju |
| 04 | 3 | 7 | | Sindku: *Slow Streets* | Is-Sindku qalet li hi u Fenech kellhom laqgħa mal-Perit Ivan Cachia minn QP MALTA li jispeċċjalizzaw fuq tabelli u *roadmarkings.* Dawn ser ikunu qed jiddisinjaw u jimplimentaw skond il-qbil li kien sar fl-ewwel studju li sar mill-Perit Van Malderen. | Sindku / Fenech |
| 04 | 3 | 8 | | Sindku: Laqgħa mad-Dipartiment tad-Tindif u Manutenzjoni | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mas-Sur Ramon Deguara dwar xogħol ta' tindif u manutenzjoni li ser isir fiż-Żejtun. Irringrazzjat lis-Sur Ramon Deguara f'isem il-*Cleansing & Maintenance* għall-għotja ta' erbgħa bins bis-separazzjoni u sitta normali kif ukoll ħames *dog bins*. Qalet ukoll li ser jiġi ffirmat MOU mal-Onor. Debattista mill-1 ta' Mejju 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 dwar tindif madwar il-lokal. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 04 | 3 | 9 | | Sindku: Parkeġġ taħt l-art | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mas-Sur Ryan Spagnol mill-Kunsill Konsultattiv Xlokk fejn iddiskutew x'inhuma l-ħtiġijiet li għandhom jiġu nklużi f'dan il-proġett dwar il-parkeġġ taħt l-art. Hemm il-ħsieb u nteressati li naħdmu mal-privat. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 04 | 3 | 10 | 03 | Camilleri: Korsijiet | Camilleri qalet li applikajna sabiex isiru erbgħa korsijiet. English Foreign Language, English, Sign Language u Ħjata. Dawn ser isiru online x'aktarx. | Camilleri |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 11 | 13 | Segretarju Eżekuttiv: Studenta għall-perjodu tas-Sajf | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ser ikollna ingaġġata magħna studenta li ser tibda tagħmel xogħol għall-Kunsill mis-7 ta' Lulju. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04 | 3 | 12 | 16 | Sindku: Reġjun Nofsinhar | Is-Sindku qalet li bħala lokalita' ser nibdew nagħmlu parti mir-Reġjun Nofsinhar flok ir-Reġjun Xlokk. Dan wara komunikat mid-Dipartiment. | Sindku |
| 04 | 3 | 13 | 34 | GalXlokk: Mafkar tas-Sur Joe Attard | Ġiet diskussa ittra mibgħuta mill-GalXlokk dwar ix-xewqa li qed turi l-Galm Xlokk sabiex isir bust tas-Sur Attard fiċ-ċentru taż-Żejtun, Dwar dan kien qbil, pero ser tintbgħat ittra lura sabiex jiġi speċifikament eżatt il-post fejn qed issir it-talba u kif ix-xogħol fuq dan il-bust ser isir. | |
| 04 | 3 | 14 | 37 | I.M.: *Sleeping policeman* fi Triq Santa Katarina | Is-Sindku qalet li l-Perit De Noto qed tissuġerixxi li ssir *build out* bill-bollards biex il-vetturi jnaqqsu l-veloċita' Dwar dan ma kinx hemm qbil u ser tiġi ssuġerita li tinbidel is-*sleeping police* jekk ir-resident jaqbel. | Sindku |

**04. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 4 | 1 | | Caruana Ray | Caruana staqsa dwar id-dawl propost għall-Triq Xrobb l-Għaġin. L-ERA qed toġġezjona minħabba li ser ikun hemm dawl qawwi għal fuq l-akwati. | |
| 04. | 4 | 2 | | Caruana Ray | Caruana staqsa dwar tarmak fi Block E u F f'Qasam ta' Ganza minħabba problema li għandhom ir-residenti speċjalment meta tagħmel ix-xita. | |
| 04. | 4 | 3 | | Caruana Ray | Caruana staqsa dwar x'jista' jsir fi Triq Toni Zahra u fiex waslet l-applikazzjoni sabiex issir roundabout. | |
| 04. | 4 | 4 | | Caruana Ray | Caruana staqsa dwar il-ħmieġ fil-ġnub tal-Vjal 25 ta' Novembru u jekk hux ser isiru barrikati. Dwar l-iskart ser nitkellmu mal-kuntrattur u barrikati ser nerġgħu niċċekjaw fejn waslet it-talba. Chircop qal li anke hemm kurduna li diġa tkissret. | |
| 04. | 4 | 5 | | Chircop | Chircop staqsa jekk kellniex risposta dwar it-talba li saret sabiex il-knisja tieħu t-titlu ta' Pro-Katidral. Is-Sindku qalet li minkejja li bagħtet kemm il-darba, s'issa għadna bla risposta. | |
| 04. | 4 | 6 | | Camilleri | Camilleri qalet li hemm bżonn kennies fi Triq Bugħarbiel. | |
| 04. | 4 | 7 | | Camilleri | Camilleri staqsiet jekk tistax issir Nappy Changer fit-toilets ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten. Is-Sindku qalet li hemm diġa mwaħħla. | |
| 04. | 4 | 8 | | Caruana Roderick | Caruana staqsa dwar it-talba li kienet saret minn resident sabiex jitħaffru 4 toqob għall-armar tal-festa. Dan għandu jagħmel talba bil-miktub għal dan. | |

**04. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 5 | 1 | | Chircop: Tabelli | Chircop qal li għandna nkellmu lill-I.M. Dwar tabelli li twaħħlu fil-proġett tal-flyovers tal-Marsa u ż-Żejtun ma jissemma mkien. | |
| 4 | 5 | 2 | | Camilleri: *Revision Classes* | Camilleri qalet li matul is-Sajf ser isiru revision classes għall studenti ta' Year 3,4,5,6 u ser isiru nhar ta' Erbgħa filgħodu u ser isir ħlas ta' €20. | |
| 4 | 5 | 3 | | Chircop: Bins fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok | Chircop qal li dawn qed idumu biex jitnaddfu. | |
| 4 | 5 | 4 | | Chircop: Ħajt fi Triq Anton Buttiġieġ | Chircop qal li nbena ħajt k/m Triq Santu Kristu li mhux mibni skont l-etetika tat-triq. Ser nitkellmu mal-perit biex jiġi rranġat. | |
| 4 | 5 | 5 | | Chircop | Chircop qal li Triq l-Iskola fiha ħafna żrar u għandha tingħata kisja tarmak. | |
| 4 | 5 | 6 | | Chircop: Tabelli Merħba | Chircop qal li ser jitwaħħlu t-tabelli ta' merħba fid-Daħla ta' San Tumas u Triq Ħal Tarxien. | |
| 4 | 5 | 7 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li t-tabelli tal-Ġnien l-Għannejja Żwieten għandhom jinbidlu. Is-Sindku qalet li dawn lesti u daqt jitwaħħlu. | |
| 4 | 5 | 8 | | Chircop: Restawr tal-Kappella tas-Salvatur | Chircop qal li r-restawr huwa lest u ser tinstab ġurnata sabiex tiġi inawgurata. | |
| 4 | 5 | 9 | | Viċi-Sindku: Bankina fi Triq Taltass | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar biċċa bankina ma' żvilupp li sar. Il-posizzjoni tal-Kunsill hija li għalissa l-bankina ma ssirx u l-kuntrattur jagħmel it-triq kif kienet aċċessibli. | |
| 4 | 5 | 10 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar iz-zebra crossing fi Triq id-Daħla ta' San Tumas. Ser naraw fiex waslet din it-talba u għalfejn għadha ma saritx. | |
| 4 | 5 | 11 | | Viċi-Sindku: Libreriji fil-ġonna | Il-Viċi-Sindku resqet suġġeriment sabiex issir *Corner library* fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | |
| **04.** | **6.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 04. | 6. | 1 | | Viċi-Sindku: Belt Kulturali | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar l-applikazzjoni. Id-data tal-għeluq ġiet imġedda u ser inkunu qed napplikaw. | |
| 04. | 6. | 2 | | Viċi-Sindku: *Weekend Break* | Il-Viċi-Sindku qalet li ser jiġi organizzat bejn l-24 u s-26 ta' Ġunju. Ser jinġabar pagament ta' €95. | Viċi-Sindku |
| 04. | 6. | 3 | | Viċi-Sindku: Ġurnata Kemmuna | Il-Viċi-Sindku qalet li ser tiġi organizzata ġurnata Kemmuna. | Viċi-Sindku |
| 04. | 6. | 4 | | Chircop: Tifkira tal-Gwerra | Chircop qal li tpoġġiet il-kuruna fuq il-monument tal-Gwerra u ma saritx bħas-soltu minħabba r-restrizzjonijiet preżenti tal-Covid-19 | Chircop |
| 04. | 6. | 5 | | Chircop: Ktieb Triqat iż-Żejtun | Chircop qal li daqt jitlesta l-ktieb u ssir it-tnehdija tiegħu f'Ġunju. | Chircop |
| 04. | 6. | 6 | | Chircop: Tifkira Vittmi tal-Gwerra | Chircop qal li fis-6 ta' Ġunju ser issir it-tifkira għall-Vittmi tal-Gwerra billi ser jgħaddu miż-Żejtun il-Battle Front. | Chircop |
| 04. | 6. | 7 | | Chircop: *Workshops* | Chircop qal li ser isiru l-workshops li kellhom isiru fuq Għana, Rap u kitba bil-Malti. | Chircop |
| 04. | 6. | 8 | | Viċi-Sindku: Korsijiet | Il-Viċi-Sindku qalet li l-korsijiet fl-Arti u Artiġjanat reġgħu bdew. | Viċi-Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 6. | 9 | Fenech: Għoti tad-Demm | Chircop qalet li fit-13 ta' Ġunju ser ikollna l-bank tad-demm. Ser titkompla s-sensiela ta' Yoga, aerobics u Zumba fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Ser nintroduċu l-sport Capuera. | Fenech |
| 04. | 6. | 10 | Fenech: Let's Talk About *** | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser jibda l-proġett Let's Talk About *** | Fenech |
| 04. | 6. | 11 | Fenech: Ikel lil Cat Feeders | Fenech qalet li tqassam l-ikel lill-Cat feeders | Fenech |
| 04. | 6. | 12 | Fenech: Bejgħ ta' Figolli | Fenech qalet li permezz ta' bejgħ ta' figolli minn żgħażagħ inġabru fondi għall-vawċers sabiex jingħataw għall-tiswija tal-qtates u servizzi veterinarji. | Fenech |
| 04. | 6. | 13 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Infetħu t-3 applikazzjonijiet sottomessi li dawn kienu qed jinnominaw lil Dun Victor Grech, Joe Powerful Falzon u l-Profs. Anthony Bonnano. Ġie maqbul li għandu jintgħażel Dun Victor Grech sabiex jingħata Ġieh iż-Żejtun minħabba l-ħidma li għamel matul ħajtu.<br><br>Ser jingħataw premju wkoll:<br>Kultura:<br>1) Profs Anthony Bonanno<br>2) Pawlu s-sagristan<br><br>Żgħażagħ:<br>1) Jean Claude Schembri<br>2) Dun Roderick Baldacchino<br><br>Anzjani:<br>1) Joe Falzon<br>2) Joyce Pace<br><br>Sports:<br>1) Tenishia Thornton<br>2) Joe Gauci | Chircop |

**04. 7.** ***Tenders;***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 7 | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li nħarġu żewġ tenders għall-bankini u xogħolijiet żgħar u Imprint concrete. Dawn jagħlqu fit-8 ta' Ġunju. Dawk li ser jiftħu t-tenders għall-offerti kollha li ser jinħarġu matul s-sena 2021 ser ikunu Fenech u Caruana Ray u evalwaturi is-Sindku, il-Viċi-Sindku u Abela.<br><br>Ser jinħarġu tlett tenders oħra għall-Bulky Refuse, Street Sweeping - toroq urbani u tal-Perizja. | Segretarju Eżekuttiv |

**04. 8.** **Xogħolijiet;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 8. | 1 | | | Dwar dan ingħata rendikont fl-items l-oħra tas-seduta | |

**04. 9.** **Approvazzjoni tal-Financial Statements bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 9. | 1 | | | Dawn ma laħqux intbagħtu mill-awdituri. | |

**04. 11.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 11. | 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 04/21 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 11. | 2 | Talbiet għal Xiri Seduta 04/21 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 11. | 3 | *Petty Cash* - Marzu u April | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' marzu u April hekk kif preżentat. Dan kienu jammontaw għal €45.30 u 179.49 | Segretarju Eżekuttiv |

**04 12 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 12 | 1 | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa | |

**04 13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 14 ta' Ġunju 2021 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv